MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 319/1998/1

**Mid-Med Bank (Overseas) Limited u b'nota tal-24 ta' Novembru 1999 gie dikjarat li b`effett mill-1 ta` Dicembru 1999 isem il-bank rikorrenti ser ikun HSBC Overseas Bank (Malta) Limited**

**vs**

**Fayed Ghaz**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti Mid-Med Bank (Overseas) Limited fejn ippremetta :

Illi permezz ta` rikors ipprezentat fis-6 ta` Frar 1998 is-socjeta` rikorrenti talbet il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni bin-numru 453/98 sabiex il-Qorti tinibixxi il-bejgh ta` l-azzjonijiet li Fayed Ghaz ghandu fis-socjetatijiet segwenti:

1. Egymalta Shipping Company Limited (C-14198)
2. Egymalta II Shipping Co. Limited (C-15448)
3. Eurometal Company Limited (C-19188)
4. Heliopoles Overseas Holding Company Limited (Non-Trading) (OS 507)
5. Heliopoles International Company Limited (Trading) (OS 670)

Illi din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta cahdet it-talba wara li rat ir-risposta ta` l-intimat Fayed Ghaz. Sfortunatament il-Qorti ma appuntatx ir-rikors ghas-smiegh u l-esponenti ma kellux opportunita jikkontrobatti r-risposta ta` l-intimat;

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna allegazzjoni ta` frodi mill-intimat li diga` tressaq kumpulazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-kaz jinsab rinvjat quddiem l-Avukat Generali tar-Repubbblika;

Illi l-intimat Fayed Ghaz m`ghandu l-ebda propjeta` immobiljarja f`ismu u r-rikorrent jaf ‘di scienza proprio’ li l-intimat qieghed fi trattattivi sabiex ibiegh l-investiment tieghu fis-socjetajiet Egymalta Shipping Company Limited u Egymalta II Shipping Co Limited lil terzi li jistghu jixtru dawn l-azzjonijiet tramite diversi socjetajiet ezistenti u possibilment anke tramite socjeta` li ghadha ma gietx ifformata. Ghaldaqstant, il-mandat ta` sekwestru mhuwiex il-mandat idoneju f`dawn ic-cirkostanzi;

Illi jekk ir-rikavat mill-bejgh jigi rilaxxjat il-bank jigi pregudikat irrimedjabilment billi jintilef kull cans li dawna l-flus jinqabdu sabiex jissodisfaw il-kreditu tieghu;

Illi llum is-socjeta` Eurometal Company Limited ghadha bilkemm bidet topera u ghandha wkoll eviction order mill-Malta Development Corporation minhabba li naqset li thallas il-kera;

Illi makkinarju li fil-kotba tas-socjeta` Eurometal Company Limited gie stmat li jiswa tliet mija u erbghin elf lira maltija (Lm340,000) fil-fatt inxtara minn socjeta` ohra ta` Fayed Ghaz bil-prezz ta` mija u hamsa u ghoxrin elf Dollaru Amerikan (USD 125,000) skond l-annessa skrittura privata datata 5 ta` Dicembru 1995 (Dok ‘A’) u ghalhekk l-istima prezentata mhijiex tenibbli. Di piu dawn l-assi ser jinbieghu permezz ta` irkantatur mqabbad mill-Malta Development Corporation fl-ezercizzju ta` zgumbrament gia mibdi minnhom u ghalhekk ir-rikavat, wara li jithallas il-Midland Bank p.l.c. li ghandu il-prim`ipoteka ghal mitejn elf lira maltija (Lm200,000) zgur li mhuwiex ser iservi sabiex joqtol il-kreditu kollu tar-rikorrent kontra Fayed Ghaz u Eurometal Company Limited;

Illi l-fatt li s-socjetajiet li l-azzjonijiet li l-bejgh taghhom din l-Onorabbli Qorti qed tintalab li tinibixxi, mhuwiex debituri tar-rikorrent huma fatt totalment irrelevanti ghall-punt in kwistjoni;

Illi l-asserzjoni maghmula hekk gratwitament fl-ahhar paragrafu tar-risposta tal-intimat mhijiex veritjera u fil-fatt, il-vittma f`dan il-kaz mhuwiex hlief ir-rikorrent li b`maniggi u raggiri li l-intimat azzarda juza wkoll ma` din l-Onorabbli Qorti holoq impressjoni li huma ghandu jgawdi kreditu mar-rikorrent u dejjem wieghed jew offra sigurta` li fil-fatt jew ma kienet tiswa xejn jew kienet tiswa bil-wisq anqas mill-valur illi huwa ippretenda li ghandha;

Ghalhekk il-bank rikorrenti talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka ‘contrario imperio’ id-digriet taghha tas-6 ta` Frar 1998 u tordna il-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni surreferit;

Rat ir-risposta tal-intimat Fayed Ghaz fejn gie sottomess li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

a) Illi ga ladarba l-mandat gie michud din il-Qorti ma tistax tordna revoka “contra imperio” ta` cahda ta` mandat ta` inibizzjoni;

b) Illi l-ebda Qorti mhi tenuta tappunta s-smiegh ta` talba ta` mandat ta` inibizzjoni kif qed jallega r-rikorrent;

c) Ir-rikorrent ma gab ebda prova li l-intimat ghandu xi azzjonijiet fis-socjetajiet imsemmija u ghalhekk kif tista` Qorti “prima facie” tohrog mandat ta` inibizzjoni biex l-esponenti ma jitrasferrixix tali shares meta prima facie din il-prova ma saretx;

d) Illi r-rikorrent qed jipprova jaghmel minn kollox biex ikissru il-business ta` l-esponenti u dana qed proprjament jaghmlu b`allegazzjonijiet mhux veritjeri li semma fir-rikors odjern;

e) Allegazzjonijiet mhux veritjeri:

1. L-esponent mhu qieghed f`ebda trattativi biex ibiegh l-investment tieghu anzi huwa qed jitlob lir-rikorrent biex propjament ma jkomplix jopponi permezz ta` l-Avukat Generali ghal-ghoti tal-liberta provizorja ghax mill-habs ma jistax imexxi jew jaghmel ebda tentattivi biex jithallsu l-kredituri;

2. Illi s-socjeta Eurometal Compnay Limited m`ghandha l-ebda “eviction order” mill-Malta Development Corporation u dana kif jirrizulta mill-anness dokumenti A u B li juru t-tentattivi mal-MDC ghadhom fi stadju preliminari;

3. Illi ma hemm ebda proceduri ta zgumbrament mill-MDC u l-assi ta` l-Eurometal huma dawk kif deskritti mill-awditur (Dok C) ui mill-perit William Cassar Torreggiani

(Dok D) li jammontaw ghal ferm akbar mill-ammont pretiz mir-rikorrent;

4. Illi l-Midland Bank plc ghandu ipoteka ta' Lm50000 u mhux ta' Lm200000 kif qed jallegaw ir-rikorrenti;

e) Illi r-rikorrenti huwa kreditur privileggjat u jezistu proceduri ohra biex jissalvagwardja l-interessi tieghu u dana fosthom kawtela fuq l-assi tal-Eurometal Company Limited li jammontaw ferm aktar ill-ammont ta` Lm200,000 pretiz mill-Midland Bank plc;

f) Illi kemm il-darba r-rikorrent ser jibqa` jippersisti f`din il-battalja ta` allegazzjonijiet li qed jgharfu l-business ta` l-Eurometal Company Limited, l-esponent jirriserva li jaghmel kawza ghad-danni;

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat il-kontro-risposta tal-bank rikorrenti fejn gie sottomess:

Illi l-ewwel allegazzjoni fir-risposta ta` Fayed Ghaz ma gietx sostnuta bl-ebda referenza ghal xi artikolu tal-ligi jew sentenzi ta` dawn il-Qrati u ghalhekk ghandha titqies bil-mod kif intefghet. Il-Qorti ghandha dejjem diskrezzjoni li tirrevoka jew tibdel id-digrieti taghha precedenti jekk dan ikun fl-interess tal-gustizzja;

Illi jekk il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq jew le li ghandha tisma` l-partijiet mhijiex ir-raguni ghaliex qed jintalab ir-revoka tad-digriet 'contrario imperio' u hija prerogattiva ta` l-Onorabbli Imhallef sedenti jekk jidhirlu li dan huwa kaz 'di facile spedizione' li jiddeciedi bla ma jisma il-partijiet;

Illi li persuna tigi inibita milli titrasferixxi assi registrati f`isimha mhi ser tkun ta` ebda konsegwenza ghal dak l-individwu jekk dawk l-assi fil-fatt mhumiex tieghu. Il-prova ‘prima facie’ ghandha tkun jekk jezistux ic-cirkostanzi necessarji ghall-hrug tal-mandat u li l-pretensjoni salvagwardata mill-mandat hijiex ‘prima facie’ tenibbli. Pero imkien l-intimat ma qal li l-ishma mhumiex tieghu. A skans ta` kull ekwivoku qed jigu annessi kopji awtentikati ta` dokumeti (Dok JB1 u JB2) li juru li Fayed Ghaz huwa attwalment azzjonista fis-socjetajiet imsemmija fil-mandat;

Illi l-oggezzjoni bl-ittra (d) ma timmeritax risposta, fil-fatt il-‘business’ tal-esponent mhux hlief paraventu sabiex jigi ottenut il-kreditu kollu possibbli kif del resto qed jigi ppruvat fil-kumpilazzjoni kriminali kontra Fayed Ghaz;

Illi dwar l-allegazzjonijiet mhux veriterji kif ghogbu Fayed Gahz jintesta paragrafu (e) tar-risposta tieghu qed jinghad dan li gej:

1. Li kieku ma jezistu l-ebda trattativi, ghalfejn din l-opposizzjoni kollha gahll-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni? Jekk l-intimat jittrasferixxi dawk l-ishma li xi presta nome biex jeludi l-kredituri tieghu zgur li mhemmx bzonn trattativi biex dan isir. Ir-rikavat mill-eventwali bejgh ta` dawn l-ishma huwa essenzjali sabiex jizguraw li d-diversi kredituri ta` Fayed Ghaz jithallsu. Ir-rikorrent ottjena l-ezekuzzjoni ta` mandat ta` qbid kawtelatorju fil-fabbrika ta` l-intimat fejn sab li ma kien hemm xejn ‘work in progress’ u jidher li magna wahda biss intuzat ghal xi xoghol;

2. Illi l-assi li jissemmew mis-Sur William Cassar Torreggiani fid-dokument ezebit mill-intimat, apparti li bir-rispett kollu dovut, is-Sur Cassar Torreggiani ma jidhirx li huwa teknikament u akkademikament kwalifikat fil-materja, ta` min jinnota li dan qghad attent li jikkwalifika l-opinjoni tieghu u bbaza ruhu fuq il-valutazzjoni ta` l-intimat stess “according to the customs paper evaluations on invoices”. Dawn id-dokumenti diga gew ezebiti mill-esponent fir-rikors tieghu fejn gie ppruvat li nxtraw minn socjeta` ohra ta` l-intimat hafna inqas mill-‘invoiced value’ u specifikatament inxtraw mis-socjeta` Eurometal Company Limited. Inoltre l-awdituri kull ma ghamlu, strahu wkoll fuq id-dokumenti prodotti mill-istess Fayed Ghaz;

3. Illi dwar il-proceduri tal-Malta Development Corporation, l-intimat ammetta li dawn diga` inbdew. L-esponent ghandu taghrif li l-procdeuri ser ikomplu;

4. Illi l-Bank ilu minn Settembru ta` l-1996 jinsisti ghal xi pagament lura mill-flus mislufa lid-diversi socjetajiet ta` Fayed Ghaz, izda lanqas centezmu ma ntradd lura sallum;

5. Illi dwar min qed jaghmel allegazzjoni mhux veritjeri qed tigi annessa kopja tan-nota ta` l-ipoteka ghal mitejn lira maltija (Lm200,000) registrata favur is-socjeta` Midland Bank p.l.c. (Dok JB3);

6. L-esponent sar jaf ukoll li diversi kredituri ohra diga` qed jipprocedu kontra Eurometal Company Limited ghal somom sostanzjali u ghalhekk is-sitwazzjoni finanzjarja taghha qieghda tkompli tippeggjora, b`perikolu akbar ghall-esponent;

Rat l-atti l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2001;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur il-bank rikorrenti ghamel referenza ghat-talba tieghu ghal-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat sabiex dan tal-ahhar jigi inibit milli jbiegh l-azzjonijiet li l-istess intimat ghandu go varji socjetajiet li gew elenkati fl-istess rikors. Din l-imsemmija talba giet michuda mill-qorti kompetenti b’digriet tas-6 ta’ Frar 1998. Ghalhekk, bil-presenti procedura, l-bank rikorrenti qed jotlob li jigi revokat ‘contrario imperio’ l-imsemmi digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta ) tas-6 ta` Frar 1998 u b’hekk jigi ordnat il-hrug tal-imsemmi mandat ta` inibizzjoni;

Fil-kors ta’ dawn il-proceduri ma rrizulta xejn gdid li a bazi tieghu t-talba tal-bank rikorrenti tista tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-bank rikorrenti;

Spejjez kontra l-istess bank rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------